Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8483 — Bain Capital/Cinven/Stada Arzneimittel)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 189/15)

1. Fit-2 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-fondi ġestiti minn Bain Capital Investors, L.L.C. ("Bain Capital", l-Istati Uniti tal-Amerika) u l-fondi ġestiti minn Cinven Capital Management (VI) Limited Partnership Incorporated, li taġixxi permezz tas-sieħeb ġenerali tagħha, Cinven Capital Management (VI) General Partner Limited ("Cinven", ir-Renju Unit), jakkwsitaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Stada Arzneimittel Aktiengesellschaft ("Stada", il-Ġermanja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bain Capital: kumpanija ta' investiment ta' ekwità privata, attiva f'ħafna industrji, inklużi t-teknoloġija informatika, il-kura tas-saħħa, prodotti bl-imut u tal-konsumatur, telekomunikazzjonijiet, kimiċi, finanzjarji u industrijali/manifattura;

— għal Cinven: investiment ta' ekwità privata ffokat f'sitt oqsma ewlenin: servizzi tan-negozju, il-konsumatur, servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa, industrijali, u t-teknoloġija, il-midja u t-telekomunikazzjonijiet;

— għal Stada: attiva fl-iżvilupp, il-manifattura, ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' prodotti tax-xjenza tal-ħajja bħall-mediċini (b'mod partikolari għall-ingredjenti farmaċewtiċi attivi mhux protetti bit-trademark), supplimenti tal-ikel, prodotti kosmetiċi u firxa ta' prodotti oħra tal-kura tas-saħħa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8483 — Bain Capital/Cinven/Stada Arzneimittel, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.